MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1096/2002/1

**Malta International Airport plc**

**Vs**

**Marisa Pace Moore**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm126.62), rifuzjoni ta' spejjez tat-telefon inkorsi mis-socjeta attrici ghal telefonati li ghamlet il-konvenuta minn fuq il-post tax-xoghol u li ma kienux konnessi max-xoghol li taghmel bhala mpjegata tas-socjeta attrici.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Is-socjeta attrici kienet irrinunzjat ghal din l-azzjoni bhala parti mill-ftehim li kien sar bejnha u bejn l-attrici, biex b'hekk il-kawza hija karenti l-bazi legali mehtiega.

2. It-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu li l-attrici sofriet l-ispejjez minnha reklamati minhabba l-agir li gie attribwit lill-konvenuta.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:
1. Il-fatti tal-kaz huma:

(a) Il-konvenuta ilha snin impjegata mas-socjeta attrici.

(b) Fil-perjodu bejn is-6 ta’ Lulju 2001 sal-24 ta’ Lulju 2001 saru telefonati barra minn Malta mill-ufficcju fejn kienet tahdem il-konvenuta;

(c) It-telefonati saru kollha minn fuq fax machine bin-numru 249564 u saru dejjem lill-istess numru [351 213572133];

(d) Fil-granet li fihom saru dawn it-telefonati l-konvenuta kienet inzertat qeghda xoghol;

(e) Il-konvenuta ammettiet li ghamlet xi whud mit-telefonati ndikati fl-iskeda ezebita a fol. 18 tal-process [f’ammont komplessiv ta’ Lm42.94]. Hija kkontestat li ghamlet it-telefonati l-ohra. It-telefonati kienu jsiru lill-mara ta’ nazzjonalita Portugiza li ma kellha ebda konnessjoni mas-socjeta attrici u ma sarux b’riferenza ghax-xoghol tal-kumpannija attrici.

(f) Wara dan l-incident kienu ser jittiehdu proceduri dixxiplinari kontra l-konvenuta. Bl-intervent tar-rapprezentant tal-Union Haddiema Maghqudin, is-socjeta attrici tat *warning* lill-konvenuta u ma haditx passi ulterjuri kontra taghha.

(g) Il-kondizzjonijiet ta' impjieg jistipulaw li: *"private telephone calls both incoming or outgoing are not permitted on Company lines except in cases of emergency or with prior permission of a company official. Employees are not to make use of public telephone booths to make personal calls, except during scheduled breaks"*.

(h) Minn *itemised bill history* (fol. 20 sa 25) jirrizulta li l-*fax machine* kienet tintuza wkoll sabiex isiru telefonati. Tant hu hekk li fid-29 ta' Ottubru 2001 il-kap tas-sezzjoni [Joseph Schiavone] baghat avviz formali lill-impjegati li ma setghux icemplu minn fuq dan in-numru.

2. Id-divergenza bejn il-partijiet hija dwar:

(a) Min ghamel it-telefonati li ghalihom m'ammettitx il-konvenuta;

(b) Jekk il-konvenuta kenitx awtorizzata li taghmel it-telefonati;

(c) Jekk sehhx xi ftehim bejn il-partijiet li s-socjeta attrici tirreklama l-hlas tat-telefonati.

3. Huwa fatt inkontestat li min jallega jrid jipprova. L-oneru tal-prova qieghed fuq is-socjeta attrici sabiex taghti prova li t-telefonati allegati saru mill-konvenuta. Mill-assjem tal-provi t-Tribunal jemmen li t-telefonati kollha huma attribwibbli lill-konvenuta:

(a) It-telefonati saru kollha f'gurnata li fiha l-konvenuta nzertat kienet xoghol;

(b) Il-haddiema li nzertaw xoghol maghha dakinhar tat-telefonati xehdu quddiem it-Tribunal u cahdu li huma qatt cemplu barra minn Malta;

(c) It-telefonati saru kollha lill-istess numru tat-telefon (351 213572133);

(d) Il-konvenuta ma ndikat l-ebda impjegat jew persuna ohra li setgha kellha konoxxenza tal-persuna li lilha kienet qeghda ccempel barra minn Malta. Dan minkejja l-fatt li hija xehdet li kien hemm nies ohra li kienu jcemplu lil din il-persuna minghajr ma semmiet ismijiet [xhieda moghtija fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2002]. It-Tribunal, ghalkemm jista’ jahseb li l-konvenuta ma semmitx ismijiet biex ma tesponi lil hadd ghal passi dixxiplinari, irid jiddecidi fuq il-provi u mhux semplici supposizzjonijiet u kongetturi.

(e) Il-konvenuta ma tat l-ebda spjegazzjoni kif waslet biex tammetti certu telefonati u eskludiet it-telefonati l-ohra ndikati fl-iskeda a fol. 18 tal-process, hlief li kellha djarju ta’ dik is-sena u pprovat tiftakar il-granet meta kienet cemplet lil din il-persuna.

4. Dwar jekk sehhx ftehim jew le bejn il-partijiet, l-oneru tal-prova huwa fuq il-konvenuta peress li hija qeghda tallega li sar dan il-ftehim. Biex tissostanzja l-verzjoni taghha ressqet bhala xhud lir-rapprezentant tal-union [Joseph Grilo] li kien assistiha fil-kaz. Dan xehed li l-intendiment kien li l-kwistjoni tinghalaq hemm u ma jittiehdu l-ebda proceduri kontra l-konvenuta. Huwa minnu li transazzjoni tista’ ssehh anke bil-fomm fejn ikun ghad m’hemmx proceduri gudizzjarji pendenti jew l-imminenza ta’ kawza. Fil-kawza fl-ismijiet Qorti ta’ l-Appell – **Maria Attard vs Francesco Camilleri** deciza fit-30 ta’ Gunju, 2000, il-kwistjoni kienet titratta dwar jekk arrangament milhuq bil-fomm kienx validu. L-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili jitratta dwar transazzjoni li permezz taghha l-partijiet *“jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir”*. Taht dawn ic-cirkostanzi l-ftehim ghandu jkun bil-miktub *ad validitatem* (Art. 1233 tal-Kap. 16).

Il-Qorti ssottolinejat li ghalkemm potenzjalment kull vertenza setghet twassal ghall-proceduri gudizzjarji, kull vertenza bhal din setghet tigi komposta barra l-Qorti u l-ligi ma tesigix li kull ftehim milhuq dwar vertenza ta’ din ix-xorta kellha necessarjament issir bil-miktub u tkun iffirmata mill-kontendenti. Il-ligi bl-ebda mod ma riedet

tnaqqas il-valur ta’ ftehim bonarju, sigillat bil-ftehim bil-fomm, taht l-insenja ta’ l-irgulija. Ftehim kellu jkun bil-miktub biss meta l-vertenza dwar drittijiet tkun tifforma l-mertu ta’ kawza diga’ mibdija jew li tkun sejra ssir. Il-kliem *“kawza li tkun sejra ssir”* jimplika d-determinazzjoni ta’ parti li kellha d-dritt li tagixxi biex tirrivendika l-jeddijiet taghha u li tkun fil-punt li hekk taghmel. Fil-fatt il-gurisprudenza titkellem dwar l-**imminenza tal-kawza** (Vol. XLV.ii.668). Ftehim fejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oggett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawza, jew li fuqu ma kien hemm ebda hsieb ta’ kawza imminenti ma jikkostitwix transazzjoni kif kontemplata fil-ligi.

It-Tribunal huwa tal-fehma li fl-istadju li kienet fiha l-kwistjoni meta sar dan l-allegat ftehim, ma kienx hemm l-imminenza tal-kawza u ghalhekk il-ftehim ma kienx mehtieg li jkun bil-miktub.

B’danakollu mill-provi t-Tribunal m’huwiex sodisfatt li sar ftehim li l-kumpannija attrici tirrinunzja ghall-hlas ghat-telefonati li saru. Kieku kien hekk wiehed jifhem li l-konvenuta kienet thallas minnufih l-ispejjez ghat-telefonati li ammettiet ghalihom u mhux tibghat ic-cekk tal-hlas [fl-ammont ta’ Lm42.94] permezz ta’ ittra ta’ l-avukat ta’ fiducja taghha xhur wara [datata 11 ta’ Gunju 2002] u wara li s-socjeta attrici nterpellata ghall-hlas tas-somma intjiera. Inoltre, jekk kif tghid il-konvenuta sehh ftehim bonarju bejn il-partijiet u l-kumpannija attrici rrinunzjat ghal kull dritt ta’ hlas, x’kienet ir-raguni li wara baghtet cekk fl-ammont ta’ Lm42.94 ? Jissemma wkoll li fl-istadju li fiha saret il-laqgha bejn il-*management* tas-socjeta attrici u l-konvenuta l-kwistjoni li tirrizulta li kienet qeghda tigi diskussa kien jekk kienx hemm ragunijiet sabiex jittiehdu passi dixxiplinari kontra l-konvenuta. Wiehed irid japprezza li rinunzja ta’ drittijiet trid tirrizulta b’mod cjar u inekwivoku, cirkostanzi li fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultawx fil-kaz odjern. Lanqas ma tista’ titqies bhala xi rinunzja l-fatt li fl-ittra mibghuta mis-socjeta attrici lill-konvenuta (datata 12 ta’ Novembru 2001) ma tissemma l-ebda talba ghall-hlas. Jidher bic-cjar li s-suggett ta’ din l-ittra kienet il-kwistjoni dwar il-passi dixxiplinari.

Inoltre, fl-ittra li ntbaghtet mill-konvenuta (fol. 34) b'risposta ghat-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm126.62 ma jissemma l-ebda ftehim li bih is-socjeta attrici suppost irrinunzjat ghad-dritt li titlob rimbors ghat-telefonati.

Ghal istess ragunijiet it-Tribunal lanqas m'hu sodisfatt li sehh xi ftehim fis-sens li l-attrici kellha thallas biss ghas-sitt telefonati li ammettiet ghalihom u l-kwistjoni tieqaf hemm.

5. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-konvenuta kenitx awtorizzata taghmel telefonati privati minn ufficjali tal-kumpannija. Is-superjur tal-konvenuta (Joseph Schiavone) xehed fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2002 u cahad li qatt ta permess lill-konvenuta sabiex taghmel telefonati privati barra minn Malta. Min-naha taghha l-konvenuta xehdet li Joseph Schiavone kien jaghtiha x'tifhem li setghet iccempel barra minn Malta. Pero' ma rrizultax mill-provi li l-konvenuta kienet inghatat xi permess biex taghmel it-telefonati meritu tal-kawza.

Kull impjegat ghandu jkun jaf li telefonati barra minn Malta ghal skop privat m'ghandhomx isiru jekk mhux awtorizzati b'mod espress. Is-socjeta attrici hija azjenda kummercjali u bhala tali ma tistax tippermetti li l-impjegati taghha jaghmlu uzu mill-mezzi ta' telekomunikazzjoni ghall-bzonnijiet personali taghhom. Min-naha l-ohra jrid jinghad li kull min ikun responsabbli ghal sezzjoni partikolari f'kumpannija ghandu jaghmel l-affarijiet cjari lill-impjegati u ma jaghlaqx ghajnejh ghal xi agir li jaf li mhux suppost li jkun qieghed isir. It-Tribunal jemmen li fis-sezzjoni fejn kienet qeghda tahdem il-konvenuta kien qieghed jigi ttollerat li l-haddiema jaghmlu uzu mit-telefon ghal uzu personali. B'daqshekk ma jfissirx pero' li l-konvenuta kienet fit-tajjeb jew li kellha l-awtorizazzjoni li taghmel dawk it-telefonati kollha ghal barra minn Malta. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta, li kienet ilha snin impjegata mas-socjeta attrici, kienet taf li telefonati barra minn Malta ma setghux isiru. F'perjodu ta' kwazi tlett xhur saru xejn inqas minn ghoxrin telefonata barra minn Malta. Kieku l-*management* tal-kumpannija kellu jaccetta dan it-tip ta' agir ikun ifisser li jitlef kull sens ta' kontroll fit-

tmexxija ta’ kumpannija. Tant il-konvenuta kienet taf li mhux suppost li kienet qeghda ccempel barra minn Malta li ma baqghetx tikkontesta l-kwistjoni dwar il-proceduri ta’ dixxiplina li kienu sejrin jittiehdu kontra taghha u accettiet li tinghata twiddiba ghal dak li ghamlet. Sahansitra l-konvenuta ffirmat ittra fejn is-socjeta attrici widdbitha ghal azzjonijiet taghha u, *“you are furthermore being advised that should a recurrence take place the Company will consider taking more severe disciplinary action against you which could lead to suspension from work without pay or even to dismissal”* [fol. 32]. Ma jfissirx li ghaliex haddiehor seta’ uza t-telefon ghall-iskop personali tieghu u ma ttiehdux proceduri kontrih, dan kien jezonera lill-konvenuta mir-responsabbilta li taghmel tajjeb ghat-telefonati li ghamlet ghal barra minn Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm126.62).

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------